**QORTI CIVILI**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 24 ta' Ottubru 2017**

Rikors Guramentat Nru. 133 / 12RGM

Kawza fil-lista: 5

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disghin (1992) u dan kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg.

Illi miz-zwieg taghhom twieled tifel illum maggorenni bl-isem ta’ Dylan u dan kif jirrizulta minn certifikat tat-twelid.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi in oltre, il-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx [ recte: ma wasslitx ghal ftehim].

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B rninhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, oltre dan, minhabba illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli u minhabba inkompatibilita' ta' karattru, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti ghall-attrici, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' 1-akkwisti ezistenti bein il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand.

5. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti parafemali taghha inkluz flus, stocks, shares, deheb u hagar prezzjuz, u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand.

8. Tordna lill-attrici tghix esklussivament fid-dar konjugali u cioe' 'Old Trafford', Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara.

9. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

10. Tawtorizza lill-attrici li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Aquilina.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel li z-zwieg ta' bejnu u bejn martu tfarrak izda dana sehh minhabba imputazzjonijiet diretti lejn martu u dana minhabba li hija ghandha tigi misjuba hatja ta' sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi fost affarijiet ohra;

2. Illi l-esponenti ma'ghandux ikun ikundannat ihallas retta alimentari ghal martu stante li dina ghandha impieg kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi u anke jekk r-rikorrenti jirnexxielha tahbi l-fatt li tahdem, stante li hija tkompli tahdem xoghol mhux registrat mal-ETC, l-Qorti ghandha tikkonkludi li ma' hemm xejn xi jzomm lill-istess rikorrenti mara milli tohrog tahdem minflok tiddependi abbuzivament fuq zewgha;

3. Illi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili ghandu jigi applikat fil-konfront tal-attrici u mhux fil-konfront tal-mara [recte 'tal-konvenut'];

4. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta u diviza f ishma indaqs bejn il-partijiet ghajr s'intendi l-effetti fil-konfront tal-mara wara l-applikazzjoni tal-artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kif hawn fuq eccepit;

5. Illi l-effetti mobbli parafernali tal-eccipjenti ghandhom jinghataw lura lilu fl-intier taghhom;

6. Illi it-tmien (8) talba ghandha ukoll tigi michuda u d-dar ghandha tigi mibjugha lil terzi u rrikavat diviz bejn il-partijiet max-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Rat n-nota tal-attrici pprezentapprezentatpprezentata fis-7 ta' Frar 2012 li maghha annettiet Certifikat mediku u tlett rapport li ghamlet mal-Pulizija;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2012 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Keith Borg bhala Perit Legali;

Rat x-xhieda tat-Tabib Dottor Stephen Spiteri, ta' Dolores Spiteri, tal-konvenut u tal-attrici u ta' binhom Dylan, li xehdu fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Jannar 2013 fejn il-konvenut gie ordnat li b'effett mill-1 ta' jannar 2013 jhallas lill-martu manteniment 'pendente lite' Euro 800 fix-xahar;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar 2013 li bih giet michuda t-talba tal-attrici li l-konvenut jallontana ruhhu mid-dar konjugali;

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti tas-16 ta' April 2013, fejn giet michuda t-talba tal-konvenut li l-attrici thallas nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u ta' sahha ta' binhom Dylan, kif ukoll nofs l-ispejjez tad-dawl u l-ilma;

Rat il-provvediment ta' din il-Qorti tad-29 ta' April 2013, fejn giet michuda l-oggezzjoni tal-konvenut li f'dak l-istadju tal-provi rrifjuta li jixhed in subizzjoni;

Rat l-affidavit tal-konvenut u ta' Dylan B annessi man-nota pprezentata fl-4 ta' Lulju 2013;

Rat ix-xhieda ta' Stephen Cachia ghal Transport Malta ta' Romuald Attard ghall-Bank of Valletta plc u ta' Concetta B li xehdu fis-seduta tas-6 ta' Frar 2013, mizmuma mill-Perit Legali;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fit-28 ta' Frar 2014;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Mejju 2014 li cahdet talba tal-konvenut li jigi varjat id-digriet tal-4 ta' Jannar 2013;

Rat s-sentenza in parte ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ottubru 2014 fejn giet milqugha t-talba tal-konvenut ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-partijiet ipprezentata fit-30 ta' Gunju 2015 fejn iddikjaraw li l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti hu ta' Euro 150,000;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-23 ta' Settembru 2015 li permezz tieghu il-Fondazzjoni Community Chest Fund giet awtorizzata tipprezenta l-file tal-attrici b'mod sigillat u li l-istess dokument ma jkunx accessibbli ghall-pubbliku, izda jkun accessibbli biss ghal-avukati tal-partijiet u l-Perit Legali;

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Ludvic Caruana ipprezentapprezentatpprezentata fis-17 ta' Marzu 2016 fejn iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-attrici;

Rat l-affidavit ta’ Chantelle Barbara u ta’ Jeffry Montebello annessi ma' nota tal-konvenutipprezentata fil-21 ta’ April 2016;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali mahluf fit-18 ta’ Jannar 2017;

Rat ix-xhieda tal-Perit Legali in eskussjoni tad-29 ta’ Marzu 2017;[1]

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta’ Mejju 2017;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

**Verzjoni tal-Attrici.**

L-attrici, A B, fix-xhieda taghha moghtija fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2012, Fol 149 kkonfermat li zewgha kien jaghtiha Euro 600 fix-xahar, cioe’ Euro 300 kull hmistax. Hi kienet tahdem bhala cleaner waqfet mix-xoghol meta bdiet tkun migugha. Qalet li bejn is-Sibt u l-Hadd zewgha raqad barra, ma dahalx id-dar u ma tafx fejn mar. Ikkonfermat li ghalkemm jikkoabitaw kulhadd ifendi ghar-rasu, pero’ il-kontijiet tad-dawl u l-ilma ihallashom hu, hi ma ghandhiex minn fejn. Kienet ilha li wafqet tahdem sena u nofs, cioe’ xi Mejju 2011. Hi cahdet li wafqet mix-xoghol biex tipprofitta ruhha mill-paga li ghandu zewgha.

Fl-affidavit taghha, Fol 468, l-attrici kkonfermat li saret taf lill-konvenut meta kellha xi 19 il-sena, bdew johorgu flimkien sakemm izzewgu. Il-konvenut kien dejjem jikkritika l-ilbies taghha, daqqa ghax qasir wisq u daqqa ghax twil wisq.

Meta kienu ghadhom gharrajjes kien jibghatha ghand ommu biex tghinha tnaddaf u hu kien johrog jiddeverti ma’ shabu. Meta kienet tilmenta mieghu kien jghidilha li kien jsib tfajliet kemm jrid. Maghha ma kienx jonfoq u ma haddiehor kien jiffanfra li jihallsilhom. Applikaw ghall-post tal-Gvern fil-Kalkara, haduh, bdew jirrangawh, kienu jaqsmu l-ispejjez, u ddecidew li jizzewgu fin-1992.

Hi tghid li ma kienx jaghtiha bizzejjed flus ghall-hajja, kien jaghtiha LM250 fix-xahar. Meta kienet tghidlu li ma kienux jservuha kien jghidilha biex tmur tahdem bhalma jaghmel haddiehor.

Xahar wara z-zwieg nqabdet tqila bit-tifel li twieled fis-6 ta’ Marzu 1993. Facendi u tisjir kienet taghmilhom hi, zewgha ma kienx jghinha lanqas meta kienet tqila.

[1] Fol. 1669

Hi kienet tiehu hsieb ix-xiri tal-ikel u xi kontijiet tad-dar, bhal dawk annwali tal-partijiet komuni tal-blokka tal-flats, il-bqija tal-paga tieghu kien jonfoqha fuq il-kapricci bhal kacca u sajd, body building, gym u karozzi. Hi pprezentat dokumenti li juru diversi flixken ta' pilolli li kien jiehu ghall-body building, voucher ghat-trattament tas-sbuhija, u ricevuti ta' hwejjeg.

L-attrici tirrakkonta incident li kellha ftit wara li twieled it-tifel. Kienet hadet z-zewg hutha z-zghar d-dar billi kienet ser tohodhom il-bahar; dawn bdew jaghmlu l-istorbju u l-konvenut flok mar issikithom beda jaghtiha bil-ponn go wiccha. Hi tghid li taha hames daqqiet ta' ponn tant li nizillha d-demm f-ghajnejha. In-nanna haditha l-Isptar, it-tabiba indunat li ma kinitx waqa', staqsiet ghal isem zewgha u baghtitlu l-Pulizija d-dar. Billi beza' mill-Pulizija ma regghax refa' idejh fuqha, pero' baqa' jghajjarha u jinsolentha li hi kienet mahmuga, traskurata u kapaci ghal xejn. Ghajnejha baqghu jugawha u kellha taghmel nuccali ghall-vicin.

Meta t-tifel kellu xi 8 xhur zewgha kellu incident fuq ix-xoghol, kien waqa' tlett sulari minn Crane fid-Dockyard. Tilef sninu u ghamlulu il-boltijiet f'saqajh. Ghamel sena shiha ma jahdimx u wara beda jahdem flok missieru fil-Freeport billi missieru hareg bil-pensjoni. Kien rceva somma flus mid-Dockyard pero' qatt ma qalilha kemm kien l-ammont. Anke mata beda jahdem il-Freeport qatt ma kien jghidilha x'kien jaqla'.

Meta t-tifel kellu tlett snin, billi kienet tilmenta li l-flus ghall-hajja ma kienux jiservuha, zewgha baghatha tahdem u bdiet tahdem bhala cleaner ma' kumpanija. It-tifel kienet tiehu hsiebu omm ir-ragel. Billi l-facendi fid-dar kienet qed taghmilhom ommu, wara xahar li bdiet tahdem zewgha qalilha li l-flus kien ser jibda jaghtihom lill-ommu. Qam argument bejniethom u l-attrici qalet lill-ommu biex ma tibqghax tmur toqghod mat-tifel u flokha bdiet tmur z-zija tal-attrici, Doris Spiteri.

Darba omm ir-ragel sabet tazza tal-hgieg li fiha kien hemm LM40 li l-attrici kienet faddlet mic-Children's Allowance tat-tifel. Meta l-konvenut wassal lill-ommu d-dar, din qaltlu x'sabet, u biex ma jibqghax jaghtiha flus billi dawn kellha tfaddalhom fil-Bank. C kien anke irranga mad-Dipartiment biex ic-Children's Allowance tidhol fil-kont bankarju tieghu.

L-attrici tghid li din ma kinitx l-ewwel darba li semghet lill-ommu tghidlu biex lilha ma jaghthiex flus. Tghid li omm zewgha kienet tahseb li bil-flus li kien jaghtha zewgha hi kienet tghin lil ommha billi kellha familja numeruza, izda l-attrici dejjem cahditu dan. Ommu kienet tghidlu biex jaghmel bhal missieru li qabel issepara minn ma' ommu qatt ma kien jaghtiha xejn. Anke il-paga zewgha kien jiceviha fl-indirizz ta' ommu.

L-attrici tghid li omm r-ragel darba baghtet lil certa Elizabeth li hi kugina ta' zewgha, li ttawlet taht s-sufan biex tara kellhiex hmieg taht l-affarjiet. Meta kienet tilmenta ma' zewgha dan kien jghidilha li ommu 'ghandha d-dritt tindahal'.

L-attrici kienet ta' spiss tisma' lil ommu tghidlu biex jaghmel bhal missieru. Dan lill-attrici kien jikwetha billi hi qatt ma ghamlet xejn hazin la lill-zewgha u l-anqas lil ommu. Hi dejjem irrispettathom it-tnejn. Meta llmentat ma' zewgha qalilha biex ma taghtix kaz, izda meta l-argumenti bdew jizdiedu hi rrealizzat li ommu rieditu ikecciha mid-dar kif missieru ghamel lil ommu.

L-attrici tghid li omm il-konvenut kienet tghid lit-tifel taghhom li hi ommu mhux l-attrici, u dan kienet konvinta minnu billi t-tifel kien ripetutament jghidilha b'dan. Kien ghalhekk li ghal xi zmien ma hallitx lit-tifel jmur jara lil omm missieru.

Meta t-tifel kellu 5 snin, beda jdum l-iskola sas-saghtejn u nofs u ghalhekk l-attrici regghet bdiet tahdem ta' cleaner ma' kumpanija ohra. Damet tahdem ghal erba' snin pero' kellha tieqaf, meta l-konvenut waqaf mix-xoghol b'ugieh f'dahru, kellu 'slip disc' u ma setghax jahdem. Hi kienet bdiet toqghod id-dar biex iddur bih. Hu kien dam 6 xhur ma jahdimx, u l-flus kien jghaddihom lil ommu li kienet tmur thallas il-loan il-bank. L-attrici, wara bdiet tahdem bhala cleaner f'Mount Carmel Hospital, fejn damet sakemm it-tifel kellu 14 il-sena cioe' 5 snin.

Darba siefru flimkien l-Italja, hallsilha il-passagg pero' ma xtralha xejn, mentri ghalih xtara hafna hwejjeg tad-ditta. Hi kienet tibqa' mat-tifel u l-gharusa, mentri l-konvenut kien ltaqa' ma' guvni li kien jafu u ghamel gimgha jigri mieghu. Wara dan il-vjagg l-attrici bdiet issiefer mal-hbieb taghha fosthom ma' certa Marita.

Tlett snin qabel isseparaw, il-konvenut siefer wahdu ma' xi hbieb, marru Dubai, hi annettiet xi ritratti mmarkati Dok JM04 u Dok JM05. Uriha xi ritratti fosthom ta'zewg nisa bjondi u zewgha qalilha li dawn kienu hbieb ta' shabu. Fittxitlu fil-hand luggage u sabitlu condom. Kellhom argument u l-attrici tghid li hafritlu u ppruvat tirranga z-zwieg taghhom.

Wara 15 il-sena zwieg, hassha ma tiflahx u marret ghand it-Tabib tal-familja Dottor Stephen Spiteri u waqt li kienet fil-waiting room hassa hazin u haduha l-Isptar, kienet nqatghetilha vina minn rasha. Hi pprezentat, Dok JM03 il-Case Summary b'konferma li dahlet l-Isptar fl-14 ta' Frar 2007 u harget fis-7 ta' Marzu 2007.

L-attrici tghid li t-tobba qalulha li dan kien konsegwenza tal-incident ta' snin qabel meta zewgha kien beda jaghtiha fuq rasha. Wara dan l-incident damet sena

shiha ma tistax titkellem car, pero’ wara biss xahar regghet dahlet ghax-xoghol billi zewgha kien jheddidha li ma kienx ser jaghtiha aktar flus.

F’dan iz-zmien it-tifel Dylan kellu xi 17 il-sena u missieru ha l-opportunita’ biex lit-tifel jigbdu fuq in-naha tieghu. Kien jheddu li jekk ma jismax minnu la jiehu flusu l-anqas il-karozza. L-attrici skopriet li zewgha fetah kont ghar-rasu fil-Bank biex jiddeposita il-flus, lilha ma kien jghidilha b’xejn. Kien anke ghamel xi investimenti barra, lilha qatt ma kien jghidilha x’jaghmel bil-flus li jaqla’.

Matul iz-zwieg il-konvenut kellu tlett karozzi. L-attrici kienet talbitu ghall-karozza billi kienet tmur kullimkien bil-mixi jew b’tal-linja. Kien jgibilha l-iskuzi, l-attrici tghid li ommu kienet tghidlu biex ma jaghthiex karozza, u malli t-tifel gab il-licenzja mill-ewwel tah wahda minnhom.

L-attrici tinsisti li dejjem hadet hsieb tal-familja taghha kif suppost. Kienet tnaddaf u ssajjar ta’ kuljum. Lit-tifel dejjem kienet tibaghtu l-iskola pulit u bil-mixi kienet twasslu ghall-privat u ghall-football mentri l-konvenut qatt ma kien jwassalhom. Zewgha beda ma jiekolx dak li tipprepara hi billi kien iffissat fuq id-dieta u kien jonfoq hafna flus fuq vitamini u pilloli li jintuzaw ghall-bodybuilding.

Gieli kien jibghatha tixtrihomlu, pero’ qatt ma kien jaghtiha flus extra biex tixtrihom. Hi kienet tilmenta mieghu li l-LM250 li kien jaghtiha ma kienux sufficjenti, u meta kienet tixtrilu l-vitamini ghalkemm kien jghidilha li kien ser ihallasha taghhom, baqa’ qatt ma ziedha fil-flus.

Fil-bidu taz-zwieg kien johrogha kull weekend, pero’ f’daqqa wahda qalilha li kull nhar ta’ Gimgha kien ser ikun xoghol. Hi skopriet li kien biddel ix-shift tax-xoghol biex nhar ta’ Gimgha johrog mal-hbieb. Minn dak iz-zmien l-intimita’ ta’ bejniethom bdiet tonqos u hi bdiet tahseb hazin fih. Kellha suspett li dahlet terza persuna. Meta beda jibred izjed minnha bdiet tissuspetta, fittxitlu fil-wallet li kien juza biss meta johrog, u fih sabet condom. L-attrici tghid li dan ikkonferma s-suspett taghha li zewgha kien qed jiltaqa’ ma xi tfajla meta johrog wahdu.

L-attrici tghid li fl-ahhar perjodu taz-zwieg zewgha sikwit kien jghidilha “issa ilna ghoxrin sena flimkien ahna. Issa int aqbad wiehed u jien naqbad wahda”. L-attrici kienet tibqa’ iccassata b’dan id-diskors. L-attrici tghid li zewgha kellu relazzjonijiet ma’ nisa ohra u b’konferma ta’ dan ipprezentat ritratti markati Dok JM06A u Dok JM06B.

Xi sentejn qabel, fit-2012 miet missier l-attrici u ghallkemm gia’ kellhom il-problemi fiz-zwieg zewgha mar ghall-funeral ta’ missierha, pero’ malli rritornaw id-dar ghal xejn b’xejn beda joffendiha b’missierha, tant li ma setghetx tifhem ghalfejn mar ghall-funeral. Zewgha qatt ma kien mar tajjeb mal-genituri taghha.

Tul iz-zwieg kollu kien dejjem joffendi lill-attrici b'ommha, ma kellux grazzja maghha ghax kellha hafna tfal. Il-genituri taghha qatt ma ndahlulhom, u lanqas kienu jarawhom billi zewgha qatt ma riedhom jidhlu d-dar taghhom.

L-attrici tghid li zewgha dahaq biha meta darba talabha tiffirma karta, qalilha li kienet biex jaqsmu d-dar u wara qalilha li kienet biex jittrasferixxi l-karozza fuq it-tifel.

L-attrici tikkonkludi l-affidavit taghha billi ddikjarat li tul iz-zwieg biddlet diversi xoghlijiet, dejjem tat il-kontribut taghha, u wafqet biss meta bdiet thoss ugieh kbir f'dahrha u problemi ta' natura ginekologika. Hadmet hajjitha kollha biex trabbi ahjar lil binha billi l-ammont ta' LM250 fix-xahar li kien jaghtiha zewgha ma kienux sufficjenti. Hi ccahhdet minn dawk li setghu jidhru bhala kapricci personali bhal hwejjeg u affarjiet ohra biex setghet tibghat lit-tifel il-privatijiet u biex jgawdi l-passatemp tieghu li dak iz-zmien kien il-football.

**Verzjoni tal-Konvenut.**

Il-konvenut, C B, xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, Fol 141. Hu kkonferma li jahdem bhala Port Worker u mill-FS3 li esebixxa ghall-ahhar sentejn jirrizulta li gross jaqla' circa Euro 70,000 fis-sena, u li lil martu jghaddilha, skont kif gie ordnat mill-Qorti Euro 280 fix-xahar, Euro 140 kull hmistax. Hu ammetta li jmur il-gym, pero' dan jaghmlu ghax kellu incident fid-Dockyard meta kellu 17 il-sena, biz-zmien kellu slip disc u ghalhekk jinhtieglu li jmur il-gym. Ikkonferma meta gie mistoqsi, li johrog bil-lejl u jidhol fis-7.00am u li jixtri hwejjeg tad-ditta. Hu ddikjara "Issa iva nohrog ghax m'ghandix irbit". Ghad-domanda jekk jikkonfermax it-traskrizzjoni ta' dak li allegatament qal lill-martu, fit-28 ta' Settembru 2012, kliem ta' tghajjir u theddied, hu irrisponda 'mhux kollu'. Hu kkonferma li ilhom mizzewgin 20 sena u li t-tifel ghandu 19 il-sena. Xi 17 il-sena qabel kellu accident id-Dockyard, ma setghax jimxi, ghamel 3 gimghat l-Isptar u 10 xhur bil-krozzi, u f'dak iz-zmien bdiet tahdem l-attrici bhala cleaner. Kienet wafqet ghal ftit meta hu kellu slip disc, izda meta kien mhux hazin regghet bdiet tahdem. Hi wafqet meta kienu fil-process tal-medjazzjoni. Hu qal li fid-dar jiehu hsieb kollox hu, jixtri, jahsel u jnaddaf. Jiehu hsieb it-tifel iwasslu u jhallaslu il-privat. Skont hu l-attrici ma taghmel xejn, tqum fil-ghodu, tinhasel, tbiddel u tigi tard fil-ghaxija. Lanqas tnaddaf il-hmieg tal-qtates taghha. Hu kkonferma li d-dar hi tat-tnejn ugwalment u li l-qtates ghamlu hafna hsara fl-ghamara.

Il-konvenut, fl-affidavit tieghu mahluf fl-4 ta' Lulju 2013, fol 420 iddikjara li zzewgu meta kienu ser jaghlqu 24 sena, ilhom 21 sena mizzewgin. Hu kien jahdem id-Dockyard, xtraw flat tal-Gvern il-Kalkara u wara xahrejn miz-zwieg hi harget tqila, hi dak iz-zmien ma kinitx tahdem u hu dejjem kien jaghtiha parti

mill-paga biex tixtri l-affarjiet ta' kuljum. Hi kienet bdiet tahdem meta hu kellu incident id-Dockyard, kien waqa' tlett sulari u ghamel bejn 10 xhur u sena ma jistghax jahdem. Kien rega' dahal ghax-xoghol meta missieru spicca bl-eta' u hu ried jiehu x-xoghol tieghu. Meta dahal lura ghax-xoghol kien ghadu jzappap. Wara sentejn kellu jerga jidhol l-Isptar biex jnehhi l-hadid minn go saqajh. Hu jghid li fiz-zmien li kien mwegga' l-loan kienet thallsu ommu li kienet anke issajrilhom u tnadfilhom. Il-mara hadmet pero' l-paga zammitha ghaliha u qatt ma uzatha ghall-familja. Hi kienet tilmenta li ma taqlax bizzejjed u kienet spiss tibdel ix-xoghlijiet. Hu rsista biex jhallas il-flat u l-ghamara, pero' wara xi hames snin kellu slip disc u rega' ghamel sitt xhur ma jahdhimx. Hi ukoll wafqet mix-xoghol billi hu ma seta jaghmel xejn u meta rkupra sabet xoghol iehor.

Minn dak iz-zmien 'l hawn dejjem hadem, hallas il-loan u ghannar il-flat. Xtara garage jesa' tlett karozzi, u meta t-tifel ghamel il-Pracett siefru flimkien bhala familja ghall-ewwel darba. Marru Eurodisney u Parigi, u komplew isiefru kwazi kull sena. Hi kienet ghamlet zmien tippreferixxi isiefer ma' habiba taghha, certa Marita, li kienet tahdem maghha u tbieghilha prodotti tal-wicc. Hu ma kienx joggezzjona u kien jhallsilha. Hu siefer xi 4 darbiet mat-tifel.

Xi sena wara, l-attrici inqatghetilha vina minn rasha, ghamlet tlett gimghat fl-Isptar u wara 3 xhur regghet bdiet tahdem. Hu jghid li hi insistiet li terga' tmur tahdem, ghax li kien ghalih ma kellhiex tkompli tahdem. Regghu siefru flimkien darbtejn l-Olanda u l-Italja izda wara beda l-inkwiet.

Hu nefaq hafna flus fid-dar u hi ma kinitx tiehu interess billi imliet d-dar bil-qtates li ghamlu hafna hsara. Kienet ukoll titma l-qtates tat-triq, ghalhekk kien dejjem ikollhom il-qtates wara il-bieb.

Kienet issajjar il-Hadd biss u ma kinitx tinqala' ghat-tisjir. Kien jiehu hsieb isajjar hu. Meta marru fid-dar il-gdida l-affarjiet aggravaw, ma kinitx tnaddaf sew, taqla' oggett u ma tergax tpoggieh f'postu, kienet tpejjep gewwa ghalkemm hu kien jghidilha biex ma tpejjipx fid-dar, u kienet tqatta' hafna hin ghand il-girien specjalment meta kien ghadhom fil-flat, dejjem kienet tkun ghand ta' tahthom.

Wara li rega' ha sahhtu wara l-problema ta' dahru, xi 10 snin qabel, cioe' 2003, beda jmur il-gym u jiehu hsieb tal-ikel, pero' hi xorta baqghet tilmenta li l-paga ma sservihiex. Hi kienet tpejjep zewg pakketti sigaretti kuljum, kienet tilghab hafna lottu, u s-somma ta' Euro 500 fix-xahar li kien jaghtiha, apparti l-paga taghha, ma kienux iservuha. F'dak iz-zmien kienu jargumentaw biss fuq t-traskuragni fid-dar, il-bqija tilwim normali bhal meta hu kien johrog mal-hbieb nhar ta' Gimgha.

Hu jghid li l-problemi bis-serjeta' bdew meta zied il-pocket money tat-tifel. Beda jaghtih Euro 100 fil-gimgha flok Euro 50 fil-gimgha minn Jannar 2011 biex jkun jista' jhallas il-lessons tal-karozza. Hi rrabbjat hafna li hu zied lit-tifel u lilha le, u qalghet hafna inkwiet. Meta f'Lulju 2011 gab il-licenzja tah karozza biex jkun jista' jmur l-MCAST u rega' naqqaslu l-pocket money ghal Euro 50 fil-gimgha. Kien ovvju li t-tifel kellu bzonn il-karozza billi kellu jirkeb erba karozzi tal-linja u jqum kmieni hafna. It-tifel bil-ghaqal, beda jahdem part time biex jkun jista' jhallas il-petrol u mhux dejjem jitlob lilu. Izda ommu rrabjat li ta karozza lit-tifel u mhux lilha. Xi sitt gimghat wara li t-tifel gab il-licenzja, il-konvenut kien sejjer is-Serbia ghall-kacca u gimgha qabel rceva telefonata mill-Bank u qalulu li kienet ghamlitlu sekwestru. Rceva ittra minghand l-avukat taghha u ltaqghu ghandu. Ftehmu li f'Jannar 2012 jaghtiha depozitu ghall-karozza u li hi thallas il-loan fix-xahar ghall-karozza. Dak iz-zmien kien ziedha u beda jhallasha Euro 600 fix-xahar.

Xi tlett gimghat wara li gie lura mis-safar rceva ittra minghand l-istess avukat fejn kien gie mitlub jhallas Euro 800 billi l-Euro 600 ma kienux jservuha. Mar ha parir u ddecida li kellu jipprocedi ghax iz-zwieg 'kien wasal fl-ahhar'. Fil-medjazzjoni ma kienux qablu u hi ddecidiet li tiftah il-kawza. Hu kien waqaf jaghtiha l-paga u xi sitt xhur wara beda jaghtiha Euro 280 fix-xahar u ma ghandha x'taqsam ma' xejn. Hu jghid li d-dar ma bdiet taghmel xejn ghalih u t-tifel, la ssajjrilhom u lanqas tnadfilhom, spiccat bdiet tiehu x'affarjiet u hu gej u sejjer l-Ghassa jirrapporta. Illum ma jhallhiex flus id-dar ghax ma jsibhomx.

Bdiet taghmillu hafna rapporti l-Ghassa li kien jheddidha mentri ma kien veru xejn. Darba rritorna d-dar f'nofs il-lejl wara x-xoghol u sab il-kamra tas-sodda tieghu msakkra, la kellu fejn jinhasel, la seta juza t-toilet, mar jirrapporta u l-Pulizija qallu "uza t-toilet ta' hawn". Kellmuha il-Pulizija, xorta ma accettatx u kellu jorqod fuq is-sufan. Hu ghalhekk beda jsakkar il-fridge u xi cupboards, billi hi kienet dejjem tisraq u ssakkarhom fil-kamra taghha, fejn kellha fridge u freezer li kienu fil-bitha u sakkrithom fil-kamra taghha.

Hu ddikjara li kieku martu marret tkellem counsellor, flok marret mill-ewwel ghand l-avukat iz-zwieg kienu jsalvawh u mhux ikissruh ghax hu qatt ma hallieha nieqsa minn xejn. Hu dejjem taha dak li kellha bzonn u filwaqt li hu nefaq flusu fl-interess tal-familja, hi l-flus li qalghet zammithom ghaliha biss.

Il-konvenut xehed in subizzjoni fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fl-20 ta' Mejju 2013, Fol 671. Hu ddikjara li peress li jaqla' skont is-sighat li jahdem u li jvarjaw, ma jistax jghid x'jibqaghlu wara li jinqata' l-manteniment ta' Euro 800 fix-xahar u l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u kontijiet ohra. Pero' xi haga zghira dejjem faddal. Hu ddikjara li meta ma jorqodx id-dar jmur jorqod ghand ommu, u meta johrog fi tmiem il-gimgha jirritorna d-dar fis-1.00 jew s-2.00 ta' fil-ghodu.

Johrog wahdu jew ma' hbieb rgiel. Jammetti li lill-martu gieli qalilha li hu omosesswali. Ikkonferma li recentement kien biegh il-Honda Civic bil-prezz ta' Euro 9,000 minghajr ma qal xejn lil martu; kien hemm dejn fuq din l-karozza ta' Euro 8,000 mal-Bank of Valletta plc, u bil-qliegh xtara Citroen AX bil-prezz ta' Euro 900 biex jinqeda. Il-vetturi l-ohra, Yaris, valur ta' Euro 6,000 u BMW valur ta' Euro 20,000 ittrasferihom f'isem it-tifel u dan sar meta r-relazzjoni ma' martu kienet tajba. Hu kkonferma li lil ommu ma jaghtihiex flus hlief meta tmur ghal xi vizta medika u hu jattendi il-gym tlett darbiet jew erba' fil-gimgha.

Il-konvenut rega' xehed fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fis-17 ta' Gunju 2013, Fol 673. Hu kkonferma li skont l-ordni tal-Qorti, kien qed ihallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilmau tal-internet, u li martu kienet qed b'vendikazzjoni thalli hafna dawl mixghul. Fil-passat kien rceva kumpens ta' LM25,000 billi kien tnehha l-allowance tal-gholi tal-hajja. Dawn l-flus iddepozithom fil-Bank of Valletta plc u ntuzaw fi spejjez fid-dar, ghas-safar, ghax-xiri ta' BMW Z4 u ghall-investiment fl-Awstralja. Hu kkonferma li jiddepozita flus fil-card ta' ibnu, u biha jithalsu kontijiet taghhom t-tnejn. Ghandu debit card wahda biss tal-Bank of Valletta plc li hi relatata ma kont bankarju intestati f'isem ibnu Dylan B, li fuqu hu ghandu prokura. Il-paga jirceviha b'cheque. Hu kkonferma d-Dok LC1 li juri fridge u ammetta li l-ktajjen u l-katnaz ghamilhom hu.

Il-konvenut rega' xehed fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2013 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 675. Hu kkonferma li ma ghandux introjtu iehor barra dak li jircevi minn Transport Malta u li l-bonuses u allowances huma indikati fl-FS3 tieghu. Hu jiddepozita fil-Cash Link li juza mat-tifel bejn Euro 500 u Euro 1000 kull xahrejn. Mistoqsi ghaliex ma jiddepozitax dawn il-flus f'kont tieghu rrisponda li lit-tifel jafdah u li lill-familja tieghu qatt ma naqasha. Iddikjara ukoll li fiz-zwieg kien gie akkwistat garage fil-Kalkara, pero' l-attrici ma ghandhiex cavetta tieghu billi hu kien biddel is-serratura meta nnota xi affarjiet nieqsin mid-dar.

Il-konveut fis-seduta tal-25 ta'Settembru 2014 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 692 iddikjara li meta kien isiefer kien jiehu lit-tifel mieghu u kienu jmorru ma' habib tieghu fuq ix-xoghol, certu Manwel imlaqqam il-Moni li kellu tifla tampar Dylan. Hu cahad li meta siefer mal-attrici kien johrog wahdu u jhalliha warajh. Kienet hi li ma kinitx tkun trid tohrog mieghu.

Hu qatt ma oggezzjona li hi issiefer mal-hbieb ghalkemm rrimarka li dawn kienu persuni sseparati minn zwieghom. Hu qatt ma kien issuggerixxa l-'marriage counselling' billi martu mill-ewwel hadet azzjoni legali. Hu ammetta li ma kkonsultax ma' martu meta zied il-pocket money tat-tifel u meta tah il-karozza, pero' ddikjara li lilha xtaq jaghtiha il-karozza Daewoo, izda hi ma riditx. Dwar ic-certifikati medici tal-Konsulent Psikjatra Etienne Muscat Dok AD1 u AD2 hu ddikjara li martu ma ghandha xejn hazin fl-istat ta' sahha taghha. Bhala flus

imgemma' ddikjara li ghandu xi Euro 2,500 li gemmahom dik is-sena. L-attrici ma tikkontribwixxi xejn ghall-htigijiet generali tal-familja.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2014, Fol 694 il-konvenut kkonferma li l-vetturi BMW Z4 u Toyota Yaris huma assigurati ma' Gasan Mamo Insurance. Hu spiega li billi jahdem bix-shift ma kienx possibbli ghalih li johrog kull gimgha. Kien johrog mal-attrici kull nhar ta' Sibt, izda granet ohra kienet tirrifjuta li tohrog mieghu u kienet tibaghtu wahdu. L-attrici fid-dar matrimonjali kellha kollox fil-kamra taghha, din kienet ghazla taghha billi d-dar matrimonjli hi kollha kemm hi accessibbli. Hu cahad li qatt hedded lill-martu bis-snieter tal-kacca jew li kecca lil martu mil-kamra tas-sodda taghhom.

Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2015, Fol 701 il-konvenut ikkonferma li mindu bdew dawn il-proceduri, l-attrici ma baqghetx taghmel xoghol tad-dar. Hu qal li meta kien jghid lil mara li hu omosesswali kien qed jiccajta billi hi taf li dan mhux il-kaz.

Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2014, mizmuma mill-Perit legali, Fol 690 b'riferenza ghad-Dok SC2 il-konvenut spiega li l-vettura FAR-938 kien taha b'xejn lill-kugin tieghu Raymond Bonnici, din ma kinitx tiswa aktar minn Euro 700. Il-vetturi LCM-834 u FBV-909 ittrasferihom f'isem Dylan, minghajr hlas. Il-vettura IAT-564 x'aktarx bieghha biex xtara l-karozza Daewoo jew partatha maghha. Il-vettura DAJ-798 bieghha lil xi hadd ma jiftakarx min, bil-prezz ta' circa LM1,100 u bil-flus xtara t-Toyota. Il-vettura EBT-148 bieghha lil terz li ma jafux bil-prezz ta' Euro 9,000 billi kienet kollha dejn mal-Bank of Valletta. Hu juza dik il-vettura li jhallilu t-tifel Dylan.

**Xhieda Tabib Dottor Stephen Spiteri.**

It-Tabib Dottor Stephen Spiteri xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, Fol 129. Hu kkonferma li ilu jaf lill-attrici xi 20 sena bhala t-tabib tal-familja. L-attrici kienet mentalment disturbata bil-problemi familjari taghha. Hu kkonferma li f'dik il-kondizzjoni l-kapacita' tal-attrici biex tahdem kienet limitata. Hu pero' ddikjara li din l-kondizzjoni tista' ma tkunx permanenti, anke ghaliex l-attrici fit-2007 inqatatilha vina minn rasha, pero' rkuprat tajjeb u regghet bdiet tahdem.

Fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2014 mizmuma mill-Perit Legali, it-Tabib Dottor Spiteri kkonferma li recentement kien mar ghandu l-konvenut li kien qed jilmenta minn ugiegh f'dahru. Kien irriferih ghand specjalista billi l-konvenut kien qed issofri minn ugiegh f'dahru u infjammazzjoni muskolari. Gieli ppreskriva kura ghall-ugiegh u l-infjammazzjoni u rrakkomanda lill-konvenut biex jevita l-

istrapazz. Fl-opinjoni tieghu din l-kondizzjoni giet biz-zmien u x-xoghol tal-konvenut li hu ta' strapazz jista' jiggrava il-kondizzjoni tieghu. Hu ddikjara li kien jaf li l-konvenut jmur il-gym regolarment u kien tah il-parir biex jevita ezecizzi ta' strapazz. Ix-xhud iddikjara li ma jafx jekk din il-kondizzjoni kienietx rizultat tax-xoghol tal-konvenut li hu wiehed ta' strapazz jew mill-attivita' tieghu fil-gym.

**Xhieda ohra.**

Dolores Spiteri, iz-zija tal-attrici, xehdet quddiem il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, Fol 134. Hi kkonfermat li l-attrici kienet qed tiddependi mill-qraba taghha ghax-xiri ta' ikel u medicini u li hi stess kienet silfet xi flus lill-attrici. Hi kkonfermat li l-attrici dejjem hadmet.

Dylan B, bin il-partijiet, xehed fl-istess seduta, Fol 157. Hu kkonferma li missieru jiehu hsieb il-bzonnijet tieghu u jassistih finanzjarjament.

Fl-affidavit tieghu mahluf fl-4 ta' Lulju 2013, Fol 424, hu ikkorrobora lill-missieru dwar l-atteggjament tal-attrici tad-dar matrimonjali. Hu ukoll ikkonferma li ommu kienet dejjem tahdem u li kienu jsiefru regolarment bhala familja, sakemm l-attrici ddecidiet li tibda issiefer ma' habiba taghha certa, Marita. L-ispejjez pero' xorta hallashom il-konvenut.

Hu kkonferma li r-relazzjoni tieghu ma' ommu marret ghall-aghar meta recentement kienet qaltlu li meta t-tfajla tieghu torqod ghandhom hi tippretendi li din ghandha tqum filghodu u tnaddaf.

Hu kkonferma dak li qal missieru dwar il-bidu tal-problemi fil-familja u ddeskriva s-sitwazzjoni prezenti fid-dar matrimonjali bhala wahda ta' alienazzjoni.

Hu xehed ukoll fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014 mizmuma mill-Perit Legali. Ikkonferma li jistudja l-I T fl-MCAST, ghandu stipenju ta' xi Euro 85 fix-xahar li jitnaqqas jekk ma jattendiex l-lectures. Ghal xi sena u nofs hadem fl-istabiliment 'Estilo' f'Paceville pero' kellu jieqaf biex jikkoncentra fuq l-istudju. Minn dan l-impieg ta' *delivery man* kien jaqla' Euro 5 fis-siegha. Qatt ma akkumula aktar minn Euro 300 fil-gimgha. Hu kkonferma li missieru kien ittrasferixxa ghal fuq ismu zewg vetturi Yaris LCM-834 u BMW FBV-909. Il-Yaris hadha malli gab il-licenzja u beda jsuq u l-BMW minhabba il-kwistjioni prezenti. Billi ghadu student missieru jaghtih Euro 50 fil-gimgha u gieli jitolbu Euro 20 ohra fi tmiem il-gimgha. Ghandu hames kontijiet mal-Bank of Valletta plc; current account fejn jiddepozita lis-stipendju; savings account li fih jigu depozitati ir-rigali ta' flus li jircevi minn ghand in-nanna tieghu, Concetta B bhal Milied u birthday u fih bilanc ta' xi Euro9,000; ghandu VISA card biex jhallas ghall-internet; ghandu kont li rari

jintuza li fih is-somma li kien rceva missieru mill-post tax-xoghol; u l-hames kont infetah bi zball u fih amont zghir bhala bilanc.

Christina Farrugia ghall-Banif Bank Malta plc, David Galea ghal-APS Bank Limited, Claudine Xuereb ghall-Mediterranean Bank plc u Jeanette Lepre ghall-Lombard Bank Malta plc, xehdu fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fid-29 ta' Jannar 2013 u kkonfermaw li rrizultalhom li ma kien hemm l-ebda kontijiet f'isem il-konvenut.

Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank (Malta) plc xehdet fis-seduta tas-6 ta' Frar 2013 mizmuma mill-Perit Legali u mir-ricerki li ghamlet dwar il-konvenut irrizultalha li kien hemm il-kontijiet li jinsabu elenkati a fol 18 tar-relazzjoni peritali Fol 1634.

Romuald Attard, ghall-Bank of Valletta plc, fl-istess seduta ikkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizultalu li f'isem il-konvenut hemm il-kontijiet elenkati a fol 19 tar-relazzjoni peritali, Fol 1636 u 1636.

Stephen Cachia, ghall-Transport Malta, xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2013, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 667. Hu pprezenta Dok SC1 li minnu jirrizulta li l-vettura Daewoo Racer registrata f'isem il-konvenut ilha scrapped mis-26 ta' Mejju 2005. Hu pprezenta ukoll Dok SC2 li juri l-vetturi li kienu registrati f'isem l-konvenut u gew trasferiti fuq terzi, fid-dati indikati fl-istess dokument.

Concetta B, omm il-konvenut, xehdet fl-istess seduta, Fol 668. Hi kkonfermat li binha jahdem il-Freeport, hu l-uniku tifel taghha u qatt ma qalilha kemm jaqla' flus fix-xahar u hi qatt ma staqsietu. Hi ddikjarat li binha ma jmurx jaraha ta' spiss, xi daba kull hmistax. Binha qatt ma taha flus biex izzomhomlu. Hi ghandha pensjoni ta' xi Euro 400 fix-xahar u xi supplimentari. Dan hu l-uniku introjtu taghha u binha qatt ma taha flus. Ikkonfermat li kellha prokura tat-tifel li kienet giet irtirata xi tmien snin qabel. Il-flus li ghandha fil-kontijiet bankarji taghha fil-bank of Valletta huma taghha.

Romuald Attard, ghal-Bank of Valletta plc ikkonferma li mir-ricerki li ghamel dwar Dylan B irrizultalu li kien hemm f'ismu il-kontijiet elenkati fil-paragrafu 43 tar-relazzjoni peritali ,Fol 1637.

George Cremona, ghad-Direttur Generali, Sigurta' Socjali, xehed fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fid-19 ta' Frar 2014, Fol 720. Hu pprezenta document immarket Dok GC li minnu jirrizulta li l-attrici fl-ahhar 5 snin rceviet il-beneficcji ai termini ta' Kap 318 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici fit-2012 applikat ghall-Invalidity Pension, dehret quddiem Bord Mediku u rrizulta li tbaghti minn depression relatata ma' 'family problems'. Din il-koncessjoni nghatat ghal zmien sena. L-attrici regghet applikat, il-Bord Mediku ma setghax jasal ghall-

konkluzjoni u baghat il-kas quddiem il-Bord Multidixxiplinari, u l-kaz kien ghadu pendent meta xehed ir-rapprezentant tad-Dipartiment.

Joseph Saliba ghall-Employment and Training Corporation, xehed fl-istess seduta. Hu pprezenta 'Employment History ' tal-attrici mmarket Dok JS1 li minnu jirrizulta li l-ahhar impieg tal-attrici beda fis-27 ta' Settembru 2010 ma' Construct Furniture Co. Ltd u gie terminat b'rizenja fid-9 ta' Jannar 2012. Is-self employment taghha bejn in-1996 u in-1999 ma irrizultalhux f'hiex kien jikkonsisti, izda kien fuq bazi part time.

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014, Romuald Attard, ghall-Bank of Valletta plc xehed dwar l-investimenti li hemm f'isem Dylan B, li huma dettaljatament indikati fil-paragrafu 47 tar-rapport peritali Fol 1639.

Il-Perit John Schembri bl-affidavit tieghu, ipprezentat mill-attrici fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015 ikkonferma li l-valur tad-dar matrimonjali hu ta' Euro 140,700. Din l-valutazzjonihija datata 16 ta' Novembru 2014.

IL-konsulent Psikjatra Dottor Etienne Muscat, xehed fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fl-20 ta' Frar 2015. Hu gie muri c-certifkati medici minnu rilaxxjati Dok AD1 u Dok AD2, Fol 737 u 738. Hu kkonferma li dawn ic-certifikati saru biex jirrelataw il-kondizzjoni tal-attrici fil-mument tal-vizta medika u vis-à-vis x-xoghol. Hu kkoferma li l-attrici kienet fi stat ta' distress, b'konsegwenza tal-ambjent u relazzjonijet familjari taghha li kienu l-kagjun ta' distress kbir. L-attrici pero' ma kinitx attendiet bizzejjed seduti biex issir djanjozi. Hu kkonferma li lill-attrici ra darbtejn jew tlett darbiet. Kien raha f'Awissu 2014, kellha bzonn certifikat minhabba x-xoghol u kienet ddikjarat li kienet inkwetata mmens u mbezza minhabba c-cirkostanzi familjari taghha, u kienu tghidlu li mhedda minn zewgha,binha u l-familja ta' zewgha.

Fic-certifikat minnu rilaxxjat fit-22 ta' Settembru 2014, Fol 738 jinghad "Nonetheless, in session, she is loud, disorganized, clearly distraught yet longing for understanding and help; she gives the impression of marked dependence and vulnerability. She does not give the impression of being able to manage a regular home routine………it is apparent that Mrs B is in no fit state to work independently and should be very strongly considered for social assistance".

Jonathan Pace, ghal Gasan Mamo Insurance Limited, xehed fis-seduta tas-27 ta' April 2015 mizmuma mill-Perit Legali. Hu kkonferma li l-vettura Toyota Yaris tal-2007 hi assigurata fuq valur ta' Euro 9,000; valur maqbul bejn l-assikurazzjoni u l-assikurat; Dok JP1 u l-vettura BMW Z4 tat-2007 skont il-value guide tat-2015 ghadha valur bejn Euro 14,000 u Euro 14,500, Dok JP3.

George Ciantar, ghal Transport Malta xehed fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2014 mizmuma mill-Perit Legali. Hu kkonferma li l-konvenut beda jahdem bhala Port Worker fl-1 ta' Awwissu 1996, u kien dahal flok missieru. Ix-xhud esebixxa l-FS3's ghas-snin 1996 sat-2013 Dok GC1 sa Dok GC 18. Il-konvenut ihallas licenzja lil Transport Malta kull sena u jahdem piece work cioe jithallas tax-xoghol li jaghmel, pero' ma jistax jirrifjuta x-xoghol sakemm ma jkunx kaz ta' mard. Il-Port Worker hu on call 24 siegha, 7 tijiem fil-gimgha barra il-Milied, Jum l-Ewwel tas-Sena,il-15 ta' Awwissu, l-1 ta' Mejju u l-Gimgha l-Kbira.

Ix-xhud spjega f'hiex jikkonsisti x-xoghol ta' Port Worker u kkonferma li hu possibbli li jpartu d-duties bejniethom, u x-xoghol jitqassam skont minn imissu skont ir-roster.

Lis-Spettur Josric B fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2015 esebixxa 33 rapport li ghamlu l-partijiet mal-Pulizija Ezekuttiva, Dok JM1 sa Dok JM 33.

Joseph Caruana, ghal Bank of Valletta plc, xehed fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2015 mizmuma mill-Perit Legali Hu kkonferma li mir-ricerka li ghamel dwar l-attrici irrizultalu li f'isimha kien hemm il-kontijiet elenkati fil-paragrafu 58 tar-Rapport Peritali, Fol 1643.

Michelle Bonnici Carbonaro, ghal Bingo Limited xehdet fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2015, mizmuma mill-Perit Legali. Hi kkonfermat li l-attrici kienet impjegata ma' Bingo Ltd b'kuntratt tad-9 ta' jannar 2010. Bdiet l-impieg fit-8 ta' Jannar 2010 u spiccat fil-5 ta' Marzu 2010 abbazi ta' azzjoni dixxiplinari waqt il-perjodu tal-probation. Kienet impjegata bhala cleaner on a shift basis skont roaster.

Fl-istess seduta xehdet Dorianne Camilleri Turner ghal Clentech Ltd li kkonfermat li l-attrici dahlet tahdem mal-Kumpanija fl-4 ta' Settembru 2009 bhala cleaner, reliever on call. Il-hinijiet, skont il-kuntratt kienu ma jaqbzux l-ghaxar sieghat fil-gimgha u r-rata tal-hlas kienet ta' Euro 3.66 fis-siegha. L-attrici hadmet biss 11 il-jum u wafqet waqt il-probation.

Paul Marmara' ghal Construct Furniture, fl-istess seduta kkonferma li l-attrici kienet impjegata mal-Kumpanija mis-27 ta' Settembru 2010 sad-9 ta' jannar 2012. Kienet impjegata bhala full time cleaner mis-7.00 am sat-3,30 pm b'salarju ta' Euro 175 fil-gimgha gross.

Francesca Grima ghal General Cleaners Company Ltd ikkonfermat li l-attrici giet impjegata bhala full time cleaner fl-1 ta' April 2008 u rrizenjat mill-impieg fid-29 ta' Jannar 2009.

Jason Degiorgio ghal Servizzi Malta, xehed fl-istess seduta u kkonferma li l-attrici kienet impjegata bhal cleaner fl-Isptar Mater Dei, mill-1 ta' Frar 2009 u l-impieg gie terminat fis-7 ta' Frar 2009 fi zmien il-probation. L-impieg kien fuq bazi full time u s-salarju kien ftit aktar mill-paga minima.

Dominic Gafa ghal Gafa Saveway Ltd ikkonferma wkoll lil-attrici kienet impjegata mall-Kumpanija kif konfermat mid-dokumenti li ezebixxa Dok DG1 sa DG4.

Chantelle Barbara, l-gharusa ta' bin il-partijiet Dylan B, fl-affidavit taghha, Fol 619 ikkonfermat li l-attrici gieli kienet qaltilha biex tghin fit-tindif tad-dar matrimonjali. It-tindif ma kienx jsir ta' spiss. Hi kkonfermat li l-konvenut kien imidd idejh fix-xoghol tad-dar. Hi ma resqitx aktar hemmhekk meta l-attrici qaltilha li ma riditx taccettha aktar fid-dar. Hi ddeskriviet lill-konvenut bhala bniedem li dejjem wera rispett lejn il-familja u refa' il-piz finanzjarju.

Jeffrey Montebello, kollega tal-konvenut, fl-affidavit tieghu, Fol 621, ikkonferma li kien ra lill-konvenut jaghmel xoghol tad-dar bhal tisjir, tindif u hasil ta' hwejjeg. Hu ra ukoll il-konfuzjoni u n-nuqqas ta' ordni li kien hemm fid-dar matrimonjali. Il-konvenut kien jghidlu li l-attrici kienet issakkar il-kamra taghha, li kellha il-qtates li kienu jhamgu, u li l-attrici ma kellha l-ebda rieda biex tilhaq kompromess.

Claire Micallef Pule' ghall-Community Chest Fund xehdet fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2015 mizmuma mill-Perit Legali. Hi kkonfermat li l-attrici ghamlet l-ewwel kuntatt mal-Community Chest Fund f'Mejju 2013, kienet talbet ghajnuna biex tixtri saqqu u sodda tal-wiehed. It-talba giet milqugha l-ammont kien ta' Euro 190. F'Gunju 2014 ghamlet talba biex tixtri fridge, il-Bord approva pero' din d-darba thallas direttament s-supplier, l-ammont kien ta' Euro 150.

Ix-xhud spjegat li biex persuna tibbenefika jigu kkunsidrati s-sahha u l-istat finanzjarju. Jsir means testing, u l-attrici kienet iddikjarat li kellha problemi matrimonjali u nuqqas ta' manteniment. L-attrici kienet giet assenjata lis-Social Worker Mary Grace Genovese billi kienet tinsab fi stat agitat.

B'nota tad-9 ta'Ottubru 2015, John Camilleri, Chairperson tal-Bord tal-Amministrazzjoni ghall-Fondazzjoni Malta Community Chest Fund (MCCF) ipprezenta l-inkartament tal-attrici li l-Qorti ordnat li jkun accessibbli biss lill-avukati u l-Perit Legali. Jirrizulta li l-attrici rceviet s-segwenti;

Euro 340 ghall-akkwist ta' saqqu u fridge.
Euro 1,031.33 bhala ghajnuna socjali mit-12 ta' Marzu 2009 sal-11 ta' Settembru 2009.

Euro 2,870.34 ghall-perjodu 1 ta' Jannar 2013 sat-13 ta' Mejju 2013.
Euro 293.36 ghall-perjodu 8 ta' Mejju 2014 sal-20 ta' Gunju 2014.
Jirrizulta li l-attrici ddikjarat f'wahda mill-applikazzjonijiet li tonfoq madwar Euro 30 fix-xahar f'medicini li ma jinghatawx b'xejn mill-Gvern.

**Relazzjoni tal-Perit Legali**.

Il-Perit Legali fir-Relazzjoni tieghu mahlufa fit-18 ta' Jannar 2017, Fol 1616 wasal ghall-konkluzzjonijiet segwenti:

1. L-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut ikkommetta adulterju ma gietx ippruvata.
2. L-allegazzjoni tal-attrici ta' eccessi da parti tal-konvenut ma gietx ippruvata fil-parametri indikati mill-gurisprudenza.
3. L-allegazzjoni ta' sevizzi tirrizulta fiz-zewg partijiet.
4. Tirrizulta l-offiza gravi da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut billi l-allegat adulterju tal-konvenut ma giex ippruvat.
5. Iz-zwieg tal-partijiet tkisser primarjament minhabba s-sevizzi taz-zewg kontendenti fil-konfront ta' xulxin u sekondarjament minhabba l-offiza gravi tal-attrici fil-konfront tal-konvenut.
6. Li d-dispost tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jigix applikat.
7. Li l-manteniment li l-konvenut ihallas lill-attrici ghandu jibqa' kif stabbilit mill-Qorti bid-digriet tal-4 ta' Jannar 2013 kemm-il darba l-kondizzjoni psikika tal-attrici ma nbidlitx; jekk din tirrizilta li marret ghall-ahjar, ghandu jkun hemm temperament fil-manteniment li hu rrakkomanda Euro 500 fix-xahar.
8. Id-dar matrimonjali 'Old Trafford', Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara, ghandha tinbiegh bil-prezz ta' Euro 140,000 fi zmien sena fis-suq miftuh, prezz li dwaru qablu il-partijiet, u jekk ma tinbieghx fi zmien sena tinbiegh b'licitazzjoni.
9. L-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, stmati mill-attrici fis-somma ta' Euro 3,630 ghandhom fi zmien tlett xhur mis-sentenza jigu divisi bejniethom u fin-nuqqas jinbieghu flimkien mad-dar, jew jigu rkantati.
10. Kull parti ghandha tigi assenjata dawk il-kontijiet registrati f'isimha. Il-bilanc fil-Fidda Account skont Dok RA 8 u l-bilanc fil-polza skont Dok YMG1 ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet u l-passiv fil-kont kongunt skont Dok RA11 ghandu ukoll jigi sorett mill-partijiet fi kwoti ndaqs.
11. Ghandhom jigu reintegrati fil-komunjoni tal-akkwisti:

Dollari Australjani 22,100, Dok RA7, sbankati mill-konvenut fil-15 ta' Gunju 2012.
Euro 6290 mibjugha mill-konvenut fl-1 ta' Awissu 2012 f'holdings tal-Borsa ta' Malta Dok SC1.

Euro 4,925 zbankati mill-konvenut fil-21 ta' Gunju 2012 skont Dok VM6.
Euro 4,866.48 mhallsa lill-konvenut fit-28 ta' Gunju 2012 skot Dok KB7.
Nofs dawn l-ammonti ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attrici.

12. Ghandhom jigu reintegrati ukoll fil-komunjoni tal-akkwisti il-valur tal-vetturi li l-konvenut ittrasferixxa minghajr l-awtorizazzjoni tal-attrici. Skont id-Dok JP1 u Dok JP3 tali valur hu ta' Euro 23,000. Il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs dan l-ammont.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

IL-partijiet izzewgu fit-22 ta' Mejju 1992 meta t-tnejn kellhom 23 sena, illum ghandhom 48 sena. Kellhom tifel wiehed Dylan li twieled fis-6 ta' Marzu 1993 u li illum ghandu 24 sena. Il-procedura tal-medjazzjoni saret b'ittra tat-3 ta' Ottubru 2011. Fil-bidu taz-zwieg taghhom jidher li l-partijiet ma kellhomx problemi serji matrimonjali, kienu jsiefru regolarment flimkien bhala familja u kienu finanzjajament agevolati billi kienu jahdmu it-tnejn, il-konvenut kellu dhul ta' circa Euro 70,000 fis-sena bhala Port Worket fil-Freeport, u filwaqt li l-attrici kienet tahdem bhala clieaner ma' diversi kumpaniji bid-dhul taghha jkun il-paga minima.

Din id-disparita' enormi fid-dhul rispettiv tal-partijiet jidher li ta' bidu ghad-disgwid ta' bejniethom. L-attrici kienet tilmenta kemm mill-ammont li kien jghadilha zewgha, kif ukoll ghall-fatt li qatt ma kien jaghtiha sodisfazzjon x'jaqla' u x'jaghmel bil-flus. Kienet thoss li zewgha ma kienx sincier maghha fejn jidhlu il-flus. Mill-banda l-ohra l-konvenut jirribatti dan kollu billi jinsisti li dejjem hadem u stinka ghall-gid tal-familja u li l-attrici tonfoq hafna flus fuq s-sigaretti billi tpejjep tlett pakketti kulljum, u tonfoq hafna flus fil-loghob tal-Lottu.

Kien ghalhekk li s-sitwazzjoni ta' bejniethom aggravat hafna meta il-konvenut beda jaghti aktar flus lit-tifel, li kien ghadu student fl-MCAST, u li tah karozza malli gab il-licenzja tas-sewqan.

It-tnejn kellhom incidenti sfortunati, l-attrici soffriet minn' *intracerebral haemorage* fit-2007 u l-konvenut kellu incident meta kien ghadu jahdem fid-Dockyard meta waqa gholi ta' tlett sulari minn crane.

Ghalkemm jidher li kienu ta' support ghal xulxin f'dawn ic-cirkostanzi difficili, l-attrici wafqet tahdem meta l-konvenut wegga', u regghet bdiet tahdem meta rkupra, sfortunatament biz-zmien s-sitwazzjoni ta' bejniethom iddeterjorat tant li spiccat kompletament kull komunikazzjoni ta' bejniethom u bdew jghixu hajjiet separati fl-istess dar, bl-attrici tissakkar fil-kamra taghha.

L-incidenti ta' bejniethom kienu numeruzi, gew ipprezentati xejn anqas minn 33 rapporti li saru minnhom mal-Pulizija Ezekuttiva.

Is-sitwazzjoni ipprecipitat meta l-attrici ddeciediet li tiprocedi bil-Qorti, skont il-konvenut kieku irrikorriet ghall-counselling, s-separazzjoni setghet tigi evitata.

Indubbjament il-partijiet taw versjonijiet kontrastanti, pero' ma hemmx dubbju li illum, wara snin shah prattikament ma jikkomunikawx, iz-zwieg tal-partijiet tfarrak irrimedjabilment.

**L-Allegazzjoni tal-Attrici li l-Konvenut ikkommetta Adulterju**.

L-attrici allegat l-adulterju tal-konvenut.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 1964 ntqal:

"L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika".

Fil-kawza fl-ismijiet "**A Edwards vs Avv Dr. Jos. H. Xuereb noe**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

"Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn tat-testimonjanza 'de visu' jew il-flagranza, ima bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt".

Il-Perit Legali wasal ghall-konkluzzjoni korretta li ma saritx il-prova tal-adulterju.

L-attrici ghamlet din l-allegazzjoni billi qalet li f'zewg okkazzjonijiet kienet sabet il-kontracettivi fil-pussess tal-konvenut, kif ukoll xi ritratti fejn il-konvenut jidher ma' xi nisa. Dawn wahedhom ma jwasslux ghall-konkluzzjoni li l-konvenut ikkommetta adulterju.

Gie ritenut illi meta konjugi jallega l-adulterju kommess mill-konjugi l-iehor, in-nuqqas ta' prova sodisfacenti fir-rigward jesponi lil parti li tkun ghamlet tali allegazzjoni mhux sodisfacentement ippruvata ghal htija ta' ingurja gravi. ( ara "**Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2003.

Fil-kaz in ezami, ma jistax jinghad li l-attrici ghamlet akkuzi vessatorji u li kienet taf li ma kienux veri. Fic-cirkostanzi partikolari li sabet ruhha fihom mhux il-kaz

li tigi ppenallizata. Kienet ilha s-snin abbondonata intimament u sesswalment minn zewgha, li kien johrog wahdu mal-hbieb u skont hi gieli ghamel l-lejl kollu barra u naturalment meta sabitlu l-kontracettivi u r-ritratti man-nisa, ssusspettat hazin fih. L-attrici, f'dawn ic-cirkostanzi partikolari ma ghandhiex tinsab hatja ta' ingurja gravi fil-konfront tal-konvenut.

Huwa evidenti illi l-akkuzi dwar adulterju maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut saru fid-dawl tal-modus vivendi tal-konvenut fejn kien qed jghix b'mod illi donnu ma kienx mizzewweg lill-attrici li maghha kien ghadu qed jirrisjedi taht l-istess saqaf.

Ikkunsidrat;

Fil-kawza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie enuncjat illi l-Ligi tqieghed bhala motivi illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Elisa Thompson vs Edward Thompson"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali m'hemmx htiega li jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minaccji, u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-kaz in ezami rrizulta abbondantement li l-konvivenza tal-partijiet saret impossibbli. Ghamlu zmien twil li filwaqt li fl-istess dar fl-istess hin kienu prattikament separati de facto. Kienu spiccaw f'sitwazzjoni illi ghalkemm kienu qed jirrisjedu fl-istess dar, kienu jinqaflu fil-kmamar rispettivi taghhom propju biex jzommu d-distanzi u d-distakk bejniethom. Saru kompletament estranji ghal xulxin ghalkemm baqghu jokkupaw l-istess dar.

In-nuqqas ta' affezzjoni, il-passivita', in-noncuranza assoluta u reciproka bejn il-partijiet huma sevizzi li jirrendu l-konvivenza insopportabbli.

Il-Qorti qed tikkonkludi illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom minhabba sevizzi kommessi b'mod reciproku.

**Sanzjonijiet**.

Stabbilit illi hadd mill-partijiet ma hu responsabbli ta' adulterju jew ta' abbandun fit-termini tal-Kap. 16, huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti tapplikax kontra l-partijiet jew xi hadd minnhom is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

Mehud in konsiderazzjoni l-fattispecie tal-kaz partikolari, il-Qorti hi tal-fehma illi m'ghandiex tapplika kontra l-partijiet id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**Divizzjoni tal-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti**.

Kif rajna, l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet gia' giet xolta b'sentenza ta' din il-Qorti fil-mori tal-kawza. Jehtieg ghalhekk li jigu likwidati u divizi l-assi li jappartjenu tali komunjoni.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali ‘Old Trafford’, Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara, ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet. Sabiex tinghata l-possibilta' li l-partijiet jottjenu l-ahjar prezz fis-suq ghal din il-proprjeta', tordna li l-fond immobiljari jitpogga fis-suq ghall prezz ta' mija u erbghin elf ewro (€140,000) u jekk fi zmien sena ma jkunx gie ffirmat konvenju, kull parti hija libera li titlob il-bejgh tal-istess taht l-awtorita' tal-Qorti.

Il-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali, stmati mill-attrici fis-somma ta’ €3,630, ghandhom sa mhux aktar tard minn tlett xhur mis-sentenza jigu divizi bejn il-partijiet. Fin-nuqqas kull parti ghandha d-dritt li titlob li jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti sakemm ma l-partijiet ma jilhqux ftehim li l-oggett jinbieghu mad-dar.

Kull parti ghandha tigi assenjata dawk il-kontijiet bankarji registrati f’isimha.

Il-bilanc fil-Fidda Account skont Dok RA 8 u l-bilanc fil-polza skont Dok YMG1 ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet u l-passiv fil-kont kongunt skont Dok RA11 ghandu ukoll jigi mhallas mill-partijiet fi kwoti ndaqs.
Il-Qorti qed tiddikjara illi s-segwenti assi jiffurmaw parti mill-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet:-

Dollari Australjani 22,100,(ekwivalenti ghal €14,674.51) Dok RA7, sbankati mill-konvenut fil-15 ta’ Gunju 2012.

€6290 mibjugha mill-konvenut fl-1 ta’ Awissu 2012 f’holdings tal-Borsa ta’ Malta Dok SC1.

€4,925 zbankati mill-konvenut fil-21 ta’ Gunju 2012 skont Dok VM6.

€4,866.48 mhallsa lill-konvenut fit-28 ta’ Gunju 2012 skot Dok KB7.

Iz-zewg vetturi fuq imsemmija li l-konvenut itrasferixxa minghajr l-awtorizzazzjoni tal-attrici (Skont id-Dok JP1 u Dok JP3 il-valur taghhom huwa ta' €23,000). Stante li b'rizultat tal-agir tal-konvenut il-vetturi jinsabu llum fuq isem terz li mhux parti fil-kawza, il-Qorti ma tistax tohrog ordnijiet fil-konfront tat-terz.

Il-Qorti ghalhekk qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nofs l-ammonti u l-valuri fuq indikat. Stante li l-ammont globali huwa ta' €53,755.99 il-Qorti qedt ikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' sitta u ghoxrien elf, tmien mija u tmienja u sebghin ewro (€26,878) zmien tlett xhur mid-data ta' din is-sentenza.

**Manteniment**.

Pendente lite l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attrici manteniment fis-somma ta' €800 fix-xahar.

Irrizultat disparita sostanzjali bejn id-dhul tal-konvenut u dak tal-attrici. Ezami tad-dokumenti mmarkati minn Dok GC16 sa Dok GC18 juri illi ghal diversi snin id-dhul medju tal-konvenut kien ta' circa hamsa u sebghin elf ewro (€75,000) fis-sena, filwaqt li l-attrici kellu dhul fl-ekwivalenti tal-paga minima.

Ezami tal-istorja lavorativa tal-attrici juri illi ghalkemm l-attrici kellha diversi impiegi, ma kienx jirnexxielha ddum fl-impieg. Ezaminata x-xhieda tal-psikjatra Dr Etienne Muscat, il-Qorti hi tal-fehma illi l-kondizzjoni medika tal-attrici ma ippermettitliex illi jkollha stabbilita' fl-impiegi li kien jirnexxielha tingagga fihom. F'kull wiehed minnhom l-attrici kienet tispicca titkecca matul il-perijodu ta' prova (probation). Ma jirrizultax li l-kondizzjoni tal-attrici immeljorat.

Il-konvenut min-naha tieghu jilmenta illi ghalkemm fil-passat id-dhul tieghu kien wiehed sostanzjali, llum id-dhul tieghu huwa drastikament ridott anke minhabba l-kondizzjoni medika tieghu. Il-provi juri illi l-konvenut ibati minn slipped disc. Id-dhul tal-konvenut baqa' pero' wiehed sostanzjali specjalment meta komparat ma' dak tal-attrici.

In tema legali, ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Catherine B v. Louis B** deciza fil-25 ta’ Ottubru 2013 fejn gie dikjarat illi “Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta’ min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn (L-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-mantement ikun dovut skont il-bzonn ta’ min qed jitolbu)”. Dan l-artikolu jkompli jghid hekk: “(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort’oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta’ xi

professjoni, arti jew sengħa. "(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust. "(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent. "(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust." L-artikolu ta' wara mbaghad jghid hekk; "21. (1) Meta min jagħti l-manteniment jiġi fi stat li ma jkunx jista' jagħti aktar il-manteniment kollu jew biċċa minnu, hu jista' jitlob li jkun meħlus mill-obbligu tiegħu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skont ma jkun il-każ. "(2) Dan jgħodd ukoll jekk il-bżonn ta' min ikun jirċievi l-manteniment jispiċċa għal kollox jew f'parti."

Tenut kont id-dhul attwali tal-konvenut, il-mezzi tal-attrici, l-istat mediku rispettiv tal-partijiet kif ukoll il-htigijiet tal-attrici, il-Qorti qed tiddeciedi illi mid-data ta' din is-sentenza 'l quddiem il-manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici jkun ta' erba' mitt ewro (€400) fix-xahar li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja filwaqt li l-manteniment sallum ghandu jibqa' regolat bid-digriet pendente lite.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz:

1. Tilqa' in parti l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dan minhabba sevizzi taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin reciprokament u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin.

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attrici u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici manteniment fl-ammont ta' Euro 400 fix-xahar, pagabbli kull l-ewwel gurnata tax-xahar, sakemm ma jkunx hemm bdil mic-cirkostanzi presenti tal-partijiet; b'dan illi l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici sallum ghandu jibqa' regolat bid-digrieti pendente lite;

3. Tichad it-tielet talba attrici billi ma hemmx lok ghall-applikazzjoni kontra l-konvenut tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili;

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;

5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tordna d-divizzjoni tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet skond dak deciz taht l-intestatura "Divizzjoni tal-Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti".

6. Tichad is-sitt talba attrici stante li mhiex mehtiega.

7. Tichad is-seba talba attrici billi ma saret l-ebda prova dwar l-oggetti parafernali tal-partijiet;

8. Tichad t-tmien talba tal-attrici fejn talbet li tghix esklusivament fid-dar konjugali;

9. Tilqa’ id-disa’ talba attrici u tawtorizza ir-registrazzjoni tas-sentenza fir-Registru Pubbliku;

10. Tilqa’ l-ghaxar talba attrici u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghall-kunjom xbubitha cioe’ "Aquilina".

L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**